FEDERATION FOR HUNTING & CONSERVATION MALTA



*Ritratt: Lino Farrugia*

1 ta' Diċembru 2009

**Il-Malji tax-Xbiek...**

Sa mill-ftuħ tal-istaġun tal-insib għall-pluvieri ta' din is-sena, kull meta bdiet tinqabad xi pluviera, l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) bdew jaslula ilmenti min-nassaba, li minħabba li minn din is-sena x-xibka li tista tintuża irid ikollha malji ta' mhux anqas minn 30mm kwadrat, ta' spiss ġara li tkorri serjament il-pluviera maqbuda, u f'każi anki tinqatel meta tinqatala rasha bin-*nylon* tal-malja mill-liema wisa' faċilment tgħaddi ras il-pluviera.

L-FKNK minnu fih ilmentat mall-awtoritajiet risponsabli li kienu ħarġu l-Istqarrija fejn kienu indikati l-qisien tal-malji, speċjalment rigward il-fatt li l-awtorita' tibqa tippersisti li tieħu l-pariri rigward kaċċa u insib mingħand nies mhux edotti f'materja, jekk mhux saħansitra mingħand min huwa assolutament kontra l-kaċċa u l-insib, minnflok ma tirrikorri għand nassaba esperti b'għexiren ta' snin ta' esperjenza. Sal-ġurnata ta' llum, l-FKNK għadha mingħajr risposti.

Il-pluviera li tidher fir-ritratt huwa każ tipiku ta' dak li qed jiġri. Din, grazzi għall-kapaċita u esperjenza tan-nassab, ġiet salvata, mentri oħrajn, kif ukoll ġie spjegat ma kellhomx daqs tant xorti tajba.

Lino Farrugia

Segretarju - FKNK